Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,605, 17 ta' Marzu, 2026
Taqsima A

MALTA

ATT Nru IV tal-2026

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda liġijiet varji sabiex jipprovdi għat-twaqqif tal-Qorti tal-Kummerċ u sabiex jipprovdi għal emendi konsegwenzjali.

ACT No. IV of 2026

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend various laws to provide for the establishment of the Commercial Court and to provide for consequential amendments.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

17 ta’ Marzu, 2026

ATT Nru IV tal-2026

ATT sabiex jemenda liġijiet varji sabiex jipprovdi għat-twaqqif tal-Qorti tal-Kummerċ u sabiex jipprovdi għal emendi konsegwenzjali.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att tal-2026 li jemenda Liġijiet Varji dwar it-Twaqqif u l-Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Kummerċ.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f’dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista’, b’avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta’ dan l-Att.

TAQSIMA I
Emendi għall-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

Emendi għall-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Kap. 12.

2. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ il-"Kodiċi".

Sostituzzjoni tal-artikolu 3 tal-Kodiċi.

3. L-artikolu 3 tal-Kodiċi għandu jiġu sostitwit b'dan l-artikolu ġdid li ġej:

"3. Il-qrati superjuri huma:

(a) il-Qorti Ċivili;

(b) il-Qorti tal-Kummerċ;

(ċ) il-Qorti tal-Appell; u

(d) il-Qorti Kostituzzjonali.".

Emenda tal-artikolu 32 tal-Kodiċi.

4. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 32 tal-Kodiċi l-kliem "ta' natura ċivili jew kummerċjali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ta' natura ċivili u ta' tali kawżi ta' natura kummerċjali li ma humiex mod ieħor assenjati bil-liġi lill-Qorti tal-Kummerċ".

Żieda ta' artikolu ġdid fil-Kodiċi.

5. Minnufih wara l-artikolu 32 tal-Kodiċi għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Qorti tal-Kummerċ.

32A. (1) Imħallef wieħed għandu jippresjedi fil-Qorti tal-Kummerċ.

(2)(a) Il-Qorti tal-Kummerċ għandha tiddeċiedi kawżi, kif jista' jiġi assenjat lilha bil-liġi jew b'regolamenti maħruġa mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skont is-subartikolu (3) kemm-il darba ma hemmx stabbilita ġurisdizzjoni taħt liġi speċjali. Fost materji oħra, il-Qorti tal-Kummerċ għandha tiddeċiedi kawżi taħt, jew fir-rigward tal-applikazzjoni ta', jew li jikkonċernaw il-Kodiċi tal-Kummerċ, l-Att dwar il-Kumpaniji, l-Att dwar il-Kompetizzjoni, bastimenti merkantili, kolliżjoni ta' bċejjeċ tal-baħar, salvataġġ, avarija, assigurazzjoni marittima, tniġġis tal-baħar, drittijiet ta' proprjetà intellettwali, kambjali, biljetti negozjabbli jew strumenti oħra ta' kreditu, falliment u kwalunkwe kwistjoni oħra relatata, anke jekk l-imsemmija kwistjoni mhijiex is-suġġett tal-kawża, inkluż il-qbid ta' azjenda kummerċjali u testimonjali.

Kap. 13. Kap. 386. Kap. 379.

(b) Bla ħsara għall-paragrafu (a), il-Qorti tal-Kummerċ għandha tkun kompetenti li tisma' u tiddeċiedi kawżi li jkollhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet regolati bil-liġijiet li ġejjin jew bi kwalunkwe regolamenti magħmula taħthom:

(i) is-Sub-titolu III tat-Titolu VIII tat-Taqsima I tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Kap. 12.

Kap. 140. (ii) l-Att dwar il-Ġarr tal-Merkanzija bil-Baħar;

Kap. 232. (iii) l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili;

Kap. 234. (iv) l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili;

Kap. 352. (v) l-Att dwar Portijiet u Bastimenti;

Kap. 371. (vi) l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju;

Kap. 376. (vii) l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

Kap. 378. (viii) l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur;

Kap. 379. (ix) l-Att dwar il-Kompetizzjoni;

Kap. 386. (x) l-Att dwar il-Kumpaniji;

Kap. 412. (xi) l-Att dwar Responsabbiltà Ċivili u Kumpens għal Tinġis miż-Żejt;

Kap. 414. (xii) l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini);

Kap. 415. (xiii) l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur;

Kap. 417. (xiv) l-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni;

Kap. 488. (xv) l-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali;

Kap. 510. (xvi) l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur;

Kap. 597. (xvii) l-Att dwar it-*Trademarks*;

Kap. 631. (xviii) l-Att ta' Qabel l-Insolvenza;

Kap. 635. (xix) l-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi;

Kap. 503. (xx) Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru; u

Kap. 641. (xxi) Att dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru.

(ċ) Il-Qorti tal-Kummerċ għandha wkoll tieħu konjizzjoni tal-kawżi li ġejjin kemm jekk ta' natura ċivili kif ukoll kummerċjali u li jkunu fil-kompetenza tal-qrati superjuri:

(i) azzjonijiet relatati ma' kolliżjonijiet fuq il-baħar;

(ii) azzjonijiet li jirriżultaw mill-ġarr ta' merkanzija bil-baħar;

(iii) azzjonijiet *in rem* kontra vapuri jew bastimenti skont l-artikolu 742B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Kap. 12.

(iv) azzjonijiet *in personam* kemm jekk jirriżultaw minn delitt kif ukoll kuntratt li jinvolvu s-suġġett tal-kwistjonijiet elenkati fl-artikolu 742B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Kap. 12.

(v) bejgħ bil-qorti ta' bastimenti, bċejjeċ tal-baħar, inġenji tal-ajru u bejgħ privat approvat mill-Qorti għal vapuri, bastimenti u inġenji tal-ajru;

(vi) kwalunkwe tilwima relatata ma' vapur jew ma' bastimenti miġjuba minn, jew kontra:

- kwalunkwe organizzazzjoni Maltija ta' bastimenti; jew

- kwalunkwe sid internazzjonali kif imfisser fir-Regolamenti dwar Bastimenti li Jikkwalifikaw għal Reġistrazzjoni;

L.S. 234.23.

(vii) azzjonijiet relatati ma' kambjali u s-sospensjoni ta' kambjali skont l-artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Kap. 12.

(viii) azzjonijiet relatati ma' mandati kawtelatorji u eżekuttivi maħruġa mill-Qorti tal-Kummerċ; u

(ix) li twettaq kwalunkwe funzjoni dwar l-għarfien u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet barranin ta' arbitraġġ kif jista' jkun provdut minn żmien għal żmien fl-Att dwar l-Arbitraġġ jew f'regolamenti magħmula taħtu jew f'xi liġi oħra.

Kap. 387.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi l-kawżi li għandhom jiġu assenjati lill-Qorti tal-Kummerċ b'referenza għas-suġġett ġenerali tagħhom. Tali regolamenti jistgħu wkoll jipprovdu għal arranġamenti tranżitorji fir-rigward ta' kawżi li s-smigħ tagħhom ikun pendenti.

(4) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista', b'ordni fil-Gazzetta, jipprovdi li l-kliem "Qorti Ċivili, Prim'Awla", u "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" u "Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)" u kliem li jinkludu kwalunkwe varjazzjoni żgħira oħra fuqhom iżda li jindikaw il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), skont il-każ, għandhom jiġu sostitwiti fi kwalunkwe liġi jew regolamenti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ".

Emenda tal-artikolu 36 tal-Kodiċi.

6. Is-subartikolu (7) tal-artikolu 36 tal-Kodiċi għandu jiġi mħassar.

Żieda ta' artikoli ġodda fil-Kodiċi.

7. Minnufih wara l-artikolu 36A tal-Kodiċi għandhom jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Seduti mill-Qorti tal-Kummerċ f'Għawdex.

36B. Meta l-kawżi quddiem il-Qorti tal-Kummerċ ikunu jikkonċernaw talbiet kontra persuni residenti jew li jkollhom ir-residenza ordinarja jew l-uffiċċju reġistrat tagħhom f'Għawdex jew Kemuna, il-Qorti tal-Kummerċ għandha żżomm is-seduti tagħha fil-bini tal-Qorti ta' Għawdex:

Iżda meta l-imsemmija persuni jiddikjaraw permezz ta' nota jew verbalment quddiem il-qorti li huma jaċċettaw illi l-kawża tinstema' fil-bini tal-Qrati ta' Malta l-qorti tista' tiddeċiedi li tisma' l-kawża fil-qorti f'Malta.

Ġurisdizzjoni ulterjuri tal-Qorti tal-Kummerċ.

36Ċ. Il-Qorti tal-Kummerċ għandu jkollha ġurisdizzjoni dwar kwalunkwe materja relatata ma' dawk il-kawżi li tagħhom tieħu konjizzjoni inkluż, iżda mhux limitatament għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi tagħha jew ta' titoli eżekuttivi oħra li l-mertu tagħhom jaqa' fil-ġurisdizzjoni tagħha u kwalunkwe kwistjoni relatata ma' miżuri ta' natura kawtelatorja.

Appell mis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ.

36D. Sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ għandhom ikunu soġġetti għal appell lill-Qorti tal-Appell.".

Emenda tal-artikolu 39 tal-Kodiċi.

8. L-artikolu 39 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu l-kliem "tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Qorti tal-Kummerċ jew tal-Qorti Ċivili"; u

(b) il-kliem "fil-Qorti Ċivili, jew xi sezzjoni tagħha" tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-Qorti tal-Kummerċ, fil-Qorti Ċivili jew xi sezzjoni tagħha".

Emenda tal-artikolu 41 tal-Kodiċi.

9. Fis-subartikolu (8) tal-artikolu 41 tal-Kodiċi l-kliem "u mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u l-Qorti tal-Kummerċ".

Emenda tal-artikolu 161 tal-Kodiċi.

10. Fin-nota marġinali tal-artikolu 161 tal-Kodiċi l-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-Qorti tal-Kummerċ".

TAQSIMA II
Emendi għall-Kodiċi tal-Kummerċ

Emendi għall-Kodiċi tal-Kummerċ. Kap. 13.

11. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi tal-Kummerċ u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Kummerċ, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ il-"Kodiċi".

Emenda tat-Taqsim tal-Kodiċi.

12. It-Taqsima IV tat-Taqsim tal-Kodiċi għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fl-intestatura tagħha, il-kliem "QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "QORTI TAL-KUMMERĊ"'; u

(b) fl-intestatura tat-Titolu II tagħha l-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ".

Emenda tal-artikolu 9 tal-Kodiċi.

13. Fil-paragrafu (a) tal-artikolu 9 tal-Kodiċi l-kliem "fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; jew, jekk iż-żewġ ġenituri jkunu mejtin, interdetti jew assenti, ikun ġie awtorizzat mill-imħallef tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-Qorti tal-Kummerċ; jew, jekk iż-żewġ (2) ġenituri jkunu mejtin, interdetti jew assenti, ikun ġie awtorizzat mill-imħallef tal-Qorti tal-Kummerċ".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Kodiċi.

14. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 12 tal-Kodiċi l-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ".

Emenda tal-artikolu 29 tal-Kodiċi.

15. Fl-artikolu 29 tal-Kodiċi l-kliem "b'ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri kummerċjali tagħha, skont il-każ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "b'rikors ġuramentat quddiem il-Qorti tal-Kummerċ".

Emenda tal-artikolu 37 tal-Kodiċi.

16. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 37 tal-Kodiċi l-kliem "Iżda il-penali tiġi stabbilita mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha bħala Qorti Ċivili, Prim'Awla," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-penali għandha tiġi stabbilita mill-Qorti tal-Kummerċ,".

Emenda tal-artikolu 38 tal-Kodiċi.

17. L-artikolu 38 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ"; u

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Għandu jinżamm ukoll taħt l-awtorità tal-Qorti tal-Kummerċ reġistru ieħor għall-kummerċjanti residenti f'Għawdex u għal soċjetajiet kummerċjali li jkollhom il-post tan-negozju tagħhom f'Għawdex. Tali reġistru għandu jitqies li jifforma parti integrali mir-reġistru previst fis-subartikolu (1).".

18. Fl-artikolu 55 tal-Kodiċi l-kliem "b'nota ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri kummerċjali tagħha, skont ma jkun il-każ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "b'nota ppreżentata fil-Qorti tal-Kummerċ". Emenda tal-artikolu 55 tal-Kodiċi.

19. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 86 tal-Kodiċi l-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ". Emenda tal-artikolu 86 tal-Kodiċi.

20. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 91 tal-Kodiċi l-kliem "il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri kummerċjali tagħha, skont ma jkun il-każ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Qorti tal-Kummerċ". Emenda tal-artikolu 91 tal-Kodiċi.

21. Fl-artikolu 196 tal-Kodiċi l-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ". Emenda tal-artikolu 196 tal-Kodiċi.

22. Fl-artikolu 204 tal-Kodiċi l-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ". Emenda tal-artikolu 204 tal-Kodiċi.

23. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 382 tal-Kodiċi l-kliem "Qorti Ċivili, Prim'Awla" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ". Emenda tal-artikolu 382 tal-Kodiċi.

24. Fl-artikolu 478 tal-Kodiċi l-kliem "Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ". Emenda tal-artikolu 478 tal-Kodiċi.

25. Fl-artikolu 480 tal-Kodiċi l-kliem "Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ". Emenda tal-artikolu 480 tal-Kodiċi.

26. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 481 tal-Kodiċi l-kliem "Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ". Emenda tal-artikolu 481 tal-Kodiċi.

27. L-artikolu 482 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 482 tal-Kodiċi.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ".

28. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 493 tal-Kodiċi l-kliem "Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ". Emenda tal-artikolu 493 tal-Kodiċi.

Emenda tal-artikolu 504 tal-Kodiċi.

29. Fl-artikolu 504 tal-Kodiċi l-kliem "Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ".

Emenda tal-artikolu 513 tal-Kodiċi.

30. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 513 tal-Kodiċi l-kliem "Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ".

Emenda tal-artikolu 521 tal-Kodiċi.

31. Fis-subartikolu (5) tal-artikolu 521 tal-Kodiċi l-kliem "Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ".

Emenda tat-Taqsima IV tal-Kodiċi.

32. It-Taqsima IV tal-Kodiċi għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fl-intestatura tagħha l-kliem "QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "QORTI TAL-KUMMERĊ"; u

(b) fl-intestatura tat-Titolu II tagħha l-kliem "PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "QORTI TAL-KUMMERĊ".

Sostituzzjoni tal-artikolu 547 tal-Kodiċi.

33. L-artikolu 547 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwiti bl-artikolu ġdid li ġej:

"Ġurisdizzjoni kummerċjali.

Kap. 12.

547. Il-ġurisdizzjoni kummerċjali għandha tiġi eżerċitata mill-Qorti tal-Kummerċ skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u dan il-Kodiċi.".

Emenda tal-artikolu 549 tal-Kodiċi.

34. L-artikolu 549 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu l-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ"; u

(b) il-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Kummerċ".

TAQSIMA III
Dispożizzjoni Tranżitorja

Dispożizzjoni tranżitorja.

35. (1) Fejn, bis-saħħa ta' dan l-Att, referenza għall-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiġi sostitwita b'referenza għall-Qorti tal-Kummerċ, tali referenza għall-Qorti tal-Kummerċ għandha titqies li tinkludi wkoll referenza għall-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew għall-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) għall-għanijiet ta' atti u azzjonijiet li jkunu saru jew inbdew qabel dik is-sostituzzjoni.

(2) Mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, il-kawżi li jkunu pendenti

quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) għandhom jiġu assenjati għas-smigħ mill-Qorti tal-Kummerċ.

(3) Il-kawżi illi fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ikunu qegħdin jinstemgħu minn qorti ċivili għajr il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), iżda li skont dan l-Att ikunu jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, għandhom jiġu trasferiti għas-smigħ mill-Qorti tal-Kummerċ mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, diment li mal-imsemmija data ma jkunux differiti għat-trattazzjoni finali jew għas-sentenza.

(4) Is-sentenza u, jew digriet, mogħtija wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, ta' kawża kif imsemmija fis-subartikolu (3) minn qorti għajr il-Qorti tal-Kummerċ ma għandhiex, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra, tagħti lok għall-ebda nullità jew difett legali ieħor, u l-qorti li tkun iddeċidiet tali kawża għandha titqies, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, li żammet il-kompetenza tagħha sabiex tiddeċiedi tali kawża.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 444 tal-11 ta' Marzu, 2026.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati